MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Avviz Numru. 2412/1998/1

**Fl-atti ta' l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 466(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, datata 20 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet:**

**Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili**

**Vs**

**Joseph Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Joseph Falzon permezz ta' liema jitlob lil din il-Qorti tiddikjara l-pretensjoni tad-Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' Lm172.85, in kwantu ghal Lm120 rapprezentanti hlas ta' licenza ghar-Radju Marittimu S 7651 ghall-perijodu bejn it-30 ta' Mejju 1993 u t-30 ta' Mejju 1998, u kwantu ghal Lm52 rapprezentanti penali, avvanzata fil-konfront tieghu permezz ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' Mejju 1998, bhala infondata fil-fatt u fid-dritt

billi: (i) l-ammont mitlub mhux dovut stante li tul il-perijodu bejn it-30 ta' Mejju 1993 u t-30 ta' Mejju 1998 ma sar l-ebda uzu mir-radju imsemmi billi dan ma kienx qed jahdem u ttiehed ghand certu Angelo Mifsud ghat-tiswija, izda rrizulta li lanqas seta' jissewwa u l-istess Mifsud assuma l-obbligu li jirregolarizza mad-Dipartiment billi jikkancella l-licenza; u billi (ii) fi kwalunkwe kaz it-talba tinsab preskritta bid-dekors ta' sentejn a tenur ta' l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-Risposta ta' l-intimat Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili permezz ta' liema ikkontesta t-talba tar-rikorrent billi: (a) is-somma mitluba hi dovuta fl-intier taghha ai termini ta' l-Artikolu 3 tal-Kap.49 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li s-semplici pussess ta' l-apparat in kwistjoni irid ikun kopert b'licenza valida. Ghalhekk ma huwiex l-uzu ta' l-apparat imma l-pussess tieghu li jaghmel il-persuna soggetta ghall-hlas tal-licenza; (b) illi anke kieku stess wiehed jipprova jitfa' r-responsabilità biex tigi regolarizzata l-posizzjoni mad-Dipartiment fuq haddiehor, kif qed jaghmel ir-rikorrent fir-Rikors tieghu, hija dejjem il-persuna f'isem min jkun irregistrat l-apparat li hi responsabbli ghall-hlas tal-licenza; u (iii) it-terminu preskrittiv applikabbli ghall-hlas ta' licenza huwa dak ta' hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-hlas ta' licenza huwa hlas ghal servizz moghti lill-persuna registrata u li jikkonsisti f'uzu ta' frekwenzi, u ghalhekk is-somma kif miltuba fl-ittra ufficjali ta' l-20 ta' Mejju 1998 hija dovuta;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2000[1], ix-xhieda moghtija minn mart ir-rikorrent Caroline Falzon waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2000[2], u x-xhieda ta' Charles Grixti, Principal tad-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili, moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Ottubru 2003[3];

Rat l-ittra ufficjali datata 6 ta' Mejju 1994 u l-ittra ufficjali datata 20 ta' Mejju 1998 mahruga mill-intimat fil-konfront

[1] Fol. 17 sa' 19 tal-process.
[2] Fol. 21 sa' 22 tal-process.
[3] Fol. 37 sa' 39 tal-process.

tar-rikorrent, ipprezentati mill-intimat bhala Dok. “A” u Dok. “B” a fol. 30 sa’ 32 tal-process;

Rat is-sentenza pronuncjata fit-23 ta’ April 2008 bis-sahha ta’ liema giet michuda il-pretensjoni tar-rikorrent li t-talba ghall-hlas ta’ l-intimat hija preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; bl-ispejjez riservati;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u semghet it-trattazzjoni tal-kaz da parte ta’ l-Avukat Difensur ta’ l-intimat;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni r-rikorrent qed jopponi ghat-talba ta’ l-intimat ghall-hlas tas-somma komplessiva ta’ Lm172.85, illum ekwivalenti ghal €402.63, konsistenti tali somma in kwantu ghal Lm120 (€279.52) rapprezentanti hlas ta’ licenza tar-Radju Marittimu S 7651 ghall-perijodu bejn it-30 ta’ Mejju 1993 u t-30 ta’ Mejju 1998, u in kwantu ghal Lm52 (€121.13) rapprezentanti hlas ta’ penali.

Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li t-talba ta’ l-intimat ghall-hlas tal-penali hija fis-somma ta’ Lm52.85 u mhux fis-somma ta’ Lm52 kif erronejament indikat mir-rikorrent u huwa ghalhekk illi s-somma komplessiva mitluba mill-intimat tammonta ghal Lm172.85.

L-intimat avvanza l-pretensjoni tieghu fil-konfront tar-rikorrent permezz ta’ ittra ufficjali datata 20 ta’ Mejju 1998 mahruga a tenur ta’ l-Artikolu 466(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-rikorrent jikkontesta din it-talba ghall-hlas bil-procedura kontemplata fl-Artikolu 466(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Mir-Risposta ta’ l-intimat johrog car li t-talba tieghu fil-konfront tar-rikorrent ghall-hlas tas-somma komplessiva ta’ Lm172.85 (€402.63) hija bbazata fuq dak provdut fil-Kap.49 tal-Ligijiet ta’ Malta, ossia fl-Ordinanza dwar it-Telegrafija Minghajr Fili, in sewgitu imsejha l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni bis-sahha ta’ l-Att VII ta’ l-2004.

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li ghalkemm dan il-Kapitolu tal-Ligi gie imhassar bis-sahha ta' l-Artikolu 2 ta' l-Att XII ta' l-2010, ghall-finijiet tal-kawza odjerna huwa dan l-istess Kaptiolu tal-Ligijiet ta' Malta li japplika in kwantu fis-subparagrafi (2) u (3) ta' l-Artikolu 2 ta' l-Att XII ta' l-2010 jinsab provdut illi: *(2) kull licenza jew awtorizzazzjoni tkun kif tkun deskritta mahruga jew li tkun tapplika taht l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni, qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu, jibqa' jkollha effett kif hemm fid-disposizzjonijiet li japplikaw tat-Taqsima IV ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici*[4]*: Izda kull dritt ikun kif ikun deskritt dwar xi licenza jew awtorizzazzjoni mahruga kif hemm fl-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni, qabel id-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu, ghandu jkun jista' jibqa' jingabar wara d-dhul fis-sehh ta' dan l-artikolu, bhallikieku kien dovut kif hemm fid-disposizzjonijiet li japplikaw tat-Taqsima IV ta' l-Att biex jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettronici. (3)* ***Minkejja d-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu, l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni ghandu jibqa' fis-sehh ghall-fini ta' kull procediment mibdi jew li ghad irid jinbeda dwar kull ksur ta' dak l-Att jew ta' kull regolamenti maghmulin tahtu meta jidhol fis-sehh dan l-artikolu***[5].

Stabbilit dan il-punt, il-Qorti ser tghaddi biex tittratta direttament il-mertu tal-proceduri odjerni billi l-pretensjoni sollevata mir-rikorrent li t-talba ghall-hlas ta' l-intimat tinsab preskritta bid-dekors ta' sentejn a tenur ta' l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, giet michuda bis-sahha ta' sentenza pronuncjata inn din il-Qorti (diversament presjeduta) fit-23 ta' April 2008.

Fil-mertu r-rikorrent jikkontendi li l-ammont pretiz mill-intimat ma huwiex dovut ghaliex tul il-perijodu in kwistjoni, ossia bejn it-30 ta' Mejju 1993 u t-30 ta' Mejju 1998, huwa ma uzax ir-Radju Marittimu S 7651 billi dan ma kienx qed jahdem u fil-fatt kien ghat-tiswija ghand certu Angelo Mifsud tal-Power Centre ta' Hal-Ghaxaq. Jikkontendi wkoll li dan Angelo Mifsud kien assuma l-obbligu li jirregolarizza

---

4 Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.
5 Enfasi tal-Qorti.

l-posizzjoni mad-Dipartiment billi jikkancella l-licenza ta' dan ir-radju.

L-intimat ma jaqbilx ma' dak pretiz mir-rikorrent ghaliex a tenur ta' l-Artikolu 3 tal-Kap.49 tal-Ligijiet ta' Malta, il-licenza hi necessarja ghas-semplici pussess tar-radju indipendentement mill-fatt jekk isirx uzu jew le mill-apparat, u ghaliex indipendentement minn kwalunkwe ftehim li seta' kellu r-rikorrent ma' Angelo Mifsud, hu jibqa' responsabbli ghall-hlas bhala l-persuna fuq min hi registrata l-licenza.

Qabel ma' l-Qorti tghaddi biex tezamina d-disposizzjonijiet tal-Kap.49 tal-Ligijiet ta' Malta pertinenti ghall-kaz in ezami, tirrileva li kien hemm diversi emendi ghal dan l-att u fosthom hemm l-emendi introdotti bl-Att XXXIII ta' l-1997 u bl-Att XIX ta' l-1998 li huma rilevanti ghall-kaz odjern.

Qabel l-emendi ta' l-1997 u ta' l-1998 l-Artikolu 3(1) tal-Kap.49 tal-Ligijiet ta' Malta kien jipprovdi li *hadd ma jista', minghajr licenza bil-miktub tal-Ministru, fil-kaz ta' apparat tat-telegrafija minghajr fili li ma jkunx apparat ghar-ricezzjoni tax-xandir jew tal-Kumissarju tal-Pulizija fil-kaz ta' apparat ghar-ricezzjoni tax-xandir,* ***jaghmel, jixtri, ibigh jew ikollu ghandu jew taht il-kontroll tieghu ebda apparat ta' telegrafija minghajr fili***[6]*, jew apparat mahsub biex ikun uzat bhala parti li taghmel sehem minn dak l-apparat; u hadd ma jista' jbigh jew jittrasferixxi dan l-apparat lil persuna li ma jkollhiex il-licenza hawn fuq imsemmija, u kull min ikollu ghandu jew taht il-kontroll tieghu dan l-apparat, bil-licenza jew minghajr il-licenza tal-Ministru jew tal-Kummissarju tal-Pulizija, skond il-kaz, ghandu, meta jigi mitlub, jikkunsinna dan l-apparat lill-Ministru jew kif dan jordna; u kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jsir hati ta' reat kontra din it-Taqsima ta' din l-Ordinanza.*
Dan l-Artikolu tal-Ligi gie emendat bl-Att XXXIII ta' l-1997 u s-subartikolu (1) gie jaqra hekk: *hadd ma jista', minghajr licenza bil-miktub tal-Ministru* ***jaghmel, jixtri, ibigh jew ikollu ghandu jew taht il-kontroll tieghu ebda apparat***

[6] Enfasi tal-Qorti.

***ta' telegrafija minghajr fili**, jew apparat mahsub biex ikun uzat bhala parti li taghmel sehem minn dak l-apparat; u hadd ma jista' jbigh jew jittrasferixxi dan l-apparat lil persuna li ma jkollhiex il-licenza hawn fuq imsemmija u kull min ikollu ghandu jew taht il-kontroll tieghu dan l-apparat, bil-licenza jew minghajr il-licenza tal-Ministru ghandu, meta jigi mitlub, jikkunsinna dan l-apparat lill-Ministru jew kif dan jordna; u kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jsir hati ta' reat kontra din it-Taqsima ta' din l-Ordinanza* - hu evidenti li ghalkemm l-Artikolu imsemmi gie emendat bl-Att XXXII ta' l-1997, l-import tieghu baqa' l-istess.

L-Artikolu 4(1) tal-Kap.49 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *mal-hrug u mat-tigdid ta' licenza dwar telegrafija minghajr fili, u, meta r-regolamenti skond dan l-artikolu hekk jipprovdu, f'dawk iz-zminijiet wara dik in-nhar kif jista' jigi preskritt bir-regolamenti, ghandu jithallas **mill-persuna li tapplika ghall-dak il-hrug jew it-tgdid dawk is-somom li jistghu jigu preskritti b'regolamenti li jigu maghmula mill-Ministru**[7] u tista' ssir disposizzjoni differenti f'dawk ir-regolamenti dwar licenzi differenti, skond ix-xorta, pattijiet, kondizzjonijiet, limitazzjonijiet u dewmien taghhom…* - dan l-Artikolu tal-Ligi ma kienx gie emendat bl-Att XXXIII ta' l-1997 jew bl-Att XIX ta' l-1998.

Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi jirrizulta car li, kontra dak pretiz mir-rikorrent u kif gustament osservat mill-intimat, licenza fuq apparat tat-telegrafija hija necessarja, fost affarijiet ohra, ghas-semplici pussess ta' tali apparat u dana indipendentement minn jekk dan l-apparat jigix utilizzat o meno. Jirrizulta wkoll li ghall-hlas tal-licenza jew tigdid ta' l-istess hija l-persuna fuq min tinsab regisrtata l-istess licenza.

Ai termini tal-Ligi ghalhekk, il-hlas tad-dritt tal-licenza ghar-Radju Marittimu S 7651 huwa responsabilità tar-rikorrent anke jekk tul il-perijodu in kwistjoni dan ir-radju seta' ma kienx qed jintuza.

---

[7] Enfasi tal-Qorti.

Ir-rikorrent jipprova jezimi ruhu minn kull responsabilità ghall-hlas billi jikkontendi li Angelo Mifsud kien assuma l-obbligu fil-konfront tieghu li jirregolarizza l-posizzjoni mad-Dipartiment billi jiehu hsieb il-kancellament tal-licenza in kwistjoni. F'dan ir-rigward ir-rikorrent xehed illi *in rigward ir-radio in kwistjoni, jiena kont hadtu ghand id-direttur tat-Telegrafija minghajr fili sabiex jigi ttestjat qabel ma tinhareg il-licenza ghax fil-fatt kull darba li tiggedded il-licenza jigi vverifikat mill-istess dipartiment in kwistjoni. F'din l-okkazzjoni instab li kien hemm hsara fl-istess radju. Ghalhekk hadtu biex jissewwa ghand il-Power Centre. Gejt informat hemmhekk li sabiex jigi rrangat kien jigi jiswa daqs wiehed gdid. Ghalhekk jiena ghidtlu sabiex ma jirrangahx. In oltre l-istess sid tal-hanut qalli li peress li jkun hemm spiss, fid-dipartiment in kwistjoni, hu kien ser jiehu hsieb sabiex jikkancellahuli. Ir-radio hallejtu f'idejh. Il-persuna involuta kien certu Angelo Mifsud imsemmi fl-istess rikors. Dan kien gara madwar seba' snin ilu. Ma ghandi l-ebda dokument li juri li jiena hallejtlu ir-radio f'idejh b'referenza ghal Angelo Mifsud. Pres a poco kont hadt dan ir-radio ghand Angelo Mifsud fin-1993 u dana wara li kont mort fid-dipartiment tat-telegrafija*[8].

Il-Qorti però ghandha r-riservi Taghha dwar il-veracità ta' dak allegat mir-rikorrent dwar l-obbligu assunt minn Angelo Mifsud li jiehu hsieb il-kancellament tal-licenza hu, u dana billi fil-fehma Taghha naqas milli jipproduci provi li sodisfacentement jistabilixxu dak minnu allegat bhala fatt ippruvat.

In sostenn tal-posizzjoni tieghu r-rikorrent ressaq bhala xhud lil martu, Caroline Falzon, li però dwar din il-kwistjoni ta' Angelo Mifsud ma kienet taf assolutament xejn tant illi fix-xhieda taghha ddikjarat illi *ma ghandix ideja x'sar minnu l-apparat. Pero naf li r-ragel kien tah lil xi hadd sabiex jara jistax jitranga. Aktar ma nafx*[9].

Stranament ir-rikorrent naqas milli jressaq bhala xhud lil Angelo Mifsud li, bla dubju ta' xejn, huwa l-unika persuna

---

[8] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2000, fol. 17 u 18 tal-process.
[9] Xhieda moghtija minn Caroline Falzon waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2000, fol. 22 tal-process.

li setghet tissosstanzja dak affermat mir-rikorrent u b'hekk tnehhi kull dubju dwar il-veracità ta' dak hekk affermat.

Madanakollu, anke kieku stess verament kien hemm tali ftehim bejn Angelo Mifsud u r-rikorrent, dan ma jistax jigi invokat fil-konfront ta' l-intimat u utilizzat mir-rikorrent sabiex jehles mir-responsabilità ghall-hlas tal-licenza, u dana billi: (a) l-intimat kien ghal kollox estraneju ghal tali ftehim; u billi (b) kif già inghad iktar 'l fuq, mid-disposizzjonijiet tal-Ligi, senjatament l-Artikolu 4 tal-Kap.49 tal-Ligijiet ta' Malta – johrog car li r-responsabilità ghall-hlas hija tal-persuna fuq min tinsab registrata l-licenza – ossia r-rikorrent.

Dato ma non concesso li kien hemm dan l-arrangement bejn Agnelo Mifsud u r-rikorrent, l-istess rikorrent ma ghandux hlief lilu nnfisu x'jlum jekk gie rinfaccjat bil-hlas ta' somma ekwivalenti ghat-tigdid tal-licenza bejn it-30 ta' Mejju 1993 u t-30 ta' Mejju 1998. Dan gara esklussivament tort tar-rikorrent li naqas milli jiehu l-kwistjoni f'idejh meta ra li Angelo Mifsud ma wettaqx dak minnu allegatament imwieghed. Fix-xhieda tieghu r-rikorrent qal li *jiena kull sena kont inhallas il-licenza tal-apparat. Il-licenza kienet fuq ismi. Meta tajt l-apparat lil Angelo Mifsud, il-licenza kienet ghadha fuq ismi. Xi ftit zmien wara, pero, ircevejt il-kontijiet minghand id-direttur tat-Telegrafija. In oltre kont mort ghand Angelo Mifsud u dan qalli illi hu kien nesa javza lid-dipartiment tat-telegrafija. In ri-ezami nghid illi bejn in-1993 u n-1998 jiena rcevejt xi haga. Jista' jkun Ittra Ufficjali. Minhabba hekk kont ergajt tkellimt ma' Angelo Mifsud. Hu kien qalli dak li ghidt iktar 'l fuq*[10].

Ladarba Angelo Mifsud ma wettaqx dak minnu allegatament imwieghed, ir-rikorrent messu qabad u kkancella l-licenza hu stess u mhux halla l-affarijiet kif kienu w imbaghad, meta rinfaccjat bit-talba ghall-hlas ghad-dritt tal-licenza jirrifjuta li jhallas dak minnu evidentement dovut ai termini tal-Ligi!

---

[10] Xhieda moghtija mir-rikorrent waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2000, fol. 18 u 19 tal-process.

Ghalhekk ma hemmx dubju li s-somma ta' Lm120, illum ekwivalenti ghal €279.52, rapprezentanti l-hlas tal-licenza ghall-perijodu bejn it-30 ta' Mejju 1993 u it-30 ta' Mejju 1998, hi dovuta mir-rikorrent u konsegwentement it-talba ta' l-intimat ghall-hlas ta' din is-somma hija fattwalment u guridikament gustifikata.

L-istess però ma jistax jinghad fir-rigward tas-somma ta' Lm52.85, illum ekwivalenti €123.10, pretiza mill-intimat bhala hlas ta' penali.

Qabel l-emendi introdotti bl-Att XXXIII tal-1997 u bl-Att XIX ta' l-1998 l-Artikolu 6 tal-Kap.49 tal-Ligijiet ta' Malta kien jipprovdi li *kull min jaghmel reat taht din it-Taqsima ta' din l-Ordinanza jehel, meta jinsab hati, multa ta' mhux izjed minn hamsin lira; u fil-kaz ta' kundanna ghat-tieni darba jew drabi ohra wara, multa ta' mhux izjed minn mitt lira jew il-piena tal-prigunerija ghal zien ta' mhux izjed minn tliet xhur jew dawn iz-zewg pieni flimkien; u fil-kaz ta' kundanna ghall-ewwel darba jew drabi ohra wara fuq reat taht din l-Ordinanza l-qorti tista', u fuq ir-rikmandazzjoni tal-Ministru ghandha, tiddikjara mhassra l-licenza moghtija lill-persuna misjuba hatja u tordna li l-apparat jigi kkunsinnat lill-Kummissarju tal-Pulizija:* ***Izda, ebda azzjoni m'ghandha tittiehed kontra persuna illi jkollha licenza tat-telegrafija minghajr fili u tonqos li thallas id-dritt stabbilit ghat-tigdid taghha fi zmien erbatax-il gurnata mill-gheluq taghha, jekk din il-persuna thallas fi zmien jumejn minn avviz f'dak is-sens fl-ufficcju indikat f'dak l-avviz, penali ta' ghaxar liri Maltin flimkien mad-dritt tat-tigdid ta' dik il-licenza***[11].

Dan l-artikolu tal-Ligi gie emendat bl-Att XXXIII ta' l-1997 u gie jaqra hekk: *(1) Persuna li tkun hatja ta' reat kontra din il-parti ta' din l-Ordinanza jehel, meta jinstab hati, multa ta' mhux anqas minn mitt lira u mhux izjed minn elf lira dwar kull apparat, u meta jinstab hati t-tieni darba jew wara, multa ta' mhux anqas minn mitt lira u mhux izjed minn elfejn lira jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u dik il-prigunerija*

[11] Enfasi tal-Qorti.

*flimkien; u fuq talba tal-prosekuzzjoni l-Qorti tista' tordna li l-apparat jigi kkonfiskat u kkunsinnat lill-Ministru: Izda minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel, il-Ministru jista' dwar reat li jsir ghall-ewwel darba, jaghmel ftehim bil-miktub mal-hati li permezz tieghu dak il-hati jhallas is-somma ta' mitt lira, u malli dak il-ftehim jigi ffirmat mill-Ministru u mill-hati u jsir il-hlas ta' dik is-somma, kull responabbilità kriminali tal-hati dwar dak ir-reat ghandha tintemm: Izda wkoll li l-Ministru jista' jaghmel kull ftehim bhal dak suggett ghal li l-hati jcedi favur il-Gvern l-apparat li dwaru jkun sar ir-reat. (2)* ***Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ebda azzjoni ma ghandha tittiehed kontra xi persuna illi, ghax ikollha licenza tat-telefrafija minghajr fili u tonqos li thallas id-dritt stabbilit ghat-tigdid taghha, thallas, fi zmien tletin jum, jew dak il-perijodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti, mit-talba bil-miktub biex thallas, f'ufficcju indikat f'dik it-talba, penali li tkun daqs darbtejn id-dritt tal-licenza fil-kaz ta' drittijiet tal-licenza sa' tnax-il lira u hamsa u ghoxrin lira fil-kaz ta' drittijiet ta' izjed minn tnax-il lira, b'zieda mad-dritt dovut ghat-tigdid tal-licenza****. (3) meta tkun dovuta penali taht is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jew tkun dovuta multa imposta taht is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, licenza mahruga taht din l-Ordinanza lill-persuna li minnha tkun dovuta ma ghandhiex tkun dovuta sakemm, flimkien mad-dritt stabbilit, ma thallasx ukoll il-penali jew il-multa dovuta kif imsemmi*.

Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 6 tal-Kap.49 tal-Ligijiet ta' Malta gie emendat bl-Att XIX ta' l-1998 u gie jaqra hekk: ***Minkejja d-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, ebda azzjoni ma ghandha tittiehed kontra xi persuna illi, ghax kellha licenza tat-telegrafija minghajr fili u tkun naqset li thallas id-dritt stabbilit ghat-tigdid taghha****, thallas, fi zmien tletin jum mill-gheluq ta' dik il-licenza, jew f'dak il-perijodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti, id-dritt tal-licenza dovut ghat-tigdid tal-licenza, lanqas ma ghandha tittiehed xi azzjoni jekk, wara li jiskadi l-imsemmi perjodu ta' tletin jum jew dak il-perijodu itwal li l-Ministru jista' jippermetti, persuna kif hawn aktar qabel imsemmija* ***thallas fi zmien sebat ijiem minn meta ssirilha talba bil-miktub biex hekk thallas, f'dak l-***

***ufficcju li jigi hekk indikat fit-talba, penali li tkun daqs darbtejn id-dritt tal-licenza fil-kaz ta' drittijiet tal-licenza sa' tnax-il lira u hamsa u ghoxrin lira fil-kaz ta' drittijiet tal-licenza ta' izjed minn tnax-il lira, b'zieda mad-dritt dovut ghat-tigdid tal-licenza***[12].

Nonostante l-emendi l-import ta' dan il-provvediment tal-ligi rigward il-penali baqa' dejjem l-istess: il-hlas tal-penali huwa wiehed fakoltattiv ghall-persuna li jkun naqas li jhallas il-licenza u dana sabiex jevita li jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu a tenur ta' l-Artikolu 6(1), u ghalhekk f'azzjoni civili ghall-hlas tal-licenza ma ghandu u ma jistax jintalab il-hlas tal-penali wkoll.

Kif inghad minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Balzan v. Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili, Avviz Nru. 212/04**, deciza fit-23 ta' April 2008, *dan il-hlas huwa wiehed fakoltattiv ghal persuna li jkun naqas li jhallas il-licenza. L-intimat semmai, jekk jara li r-rikorrent ma jridx ihallas din il-multa amministrattiva, missu pproceda quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-gurisdizzjoni kriminali taghha*.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent limitatament ghat-talba ghall-hlas tas-somma ta' Lm52.85 rapprezentanti penali u b'hekk tiddkjara t-talba ta' l-intimat ghall-hlas ta' dan l-ammont bhala infondata fil-fatt u fid-dritt izda, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-intimat fir-rigward tat-talba ghall-hlas tas-somma ta' Lm120, illum ekwivalenti ghal €279.52, rapprezentanti hlas ta' licenza ghar-radju marittimu S 7651 ghall-perijodu bejn it-30 ta' Mejju 1993 u t-30 ta' Mejju 1998, billi din hija fattwalment u guridikament gustifikata, tichad it-talba tar-rikorrent fir-rigward tat-talba ghall-hlas ta' din is-somma.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati b'dan il-mod: l-ispejjez relattivi ghas-sentenza pronuncjata fit-23 ta' April 2008 bis-sahha ta' liema giet michuda l-pretensjoni tar-rikorrent li t-talba ghall-hlas da parte ta' l-

[12] Enfasi tal-Qorti.

intimat hi preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2149(e) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, jibqghu a karigu tar-rikorrent; u l-ispejjez relattivi ghal din is-sentenza jibqghu in kwantu ghal zewg terzi (2/3) a karigu tar-rikorrent u in kwantu ghal terz (1/3) a karigu ta’ l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------